MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2012

Avviz Numru. 214/2011

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Lulju 2011 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' tlett elef u tmien mija u tnejn u tmenin Euro u erbgha u tmenin centezmu Euro (€3,882.84) rapprezentanti bilanc ghad-debitu ta' 'Loan Account' ta' Jeremy Perici Calascione flimkien mal-imghax ulterjuri mill-20 ta' Mejju 2010 sal-jum tal-pagament effettiv, ghal liema debitu il-konvenut Joseph Perici Calascione iggarantixxa flimkien u 'in solidum' ma Jeremu Calascione ghaf-favur tas-socjeta rikorrenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax mill-20 ta' Mejju 2010 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew imwahhla fl-ghassa tal-pulizija ta' Birkirkara, w il-Kunsill Lokali ta' Hal-Lija u fil post tal-konvenut gewwa Hal-Lija, fil

31 ta' Jannar 2012, u dan skond ir-riferti posittivi tal-Marixxal John Micallef datati 1 ta' Frar 2012 (fol 23 tergo).

Rat illi is-socjeta' konvenuta giet ukoll notifikata b'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar it-2 ta' Frar 2012 (fol. 22) u fil-gazzetti lokali The Malta Independent ta' nhar is - 27 ta' Frar 2012 (fol 27) u L-Orizzont ta' nhar is-27 ta' Frar 2012 (fol 26).

Illi fis-seduta tad-9 ta' Marzu, 2012 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 29).

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Marzu, 2012 il-konvenut, tramite il-konsulent legali tieghu, ammetta t-talba kif dedotta (fol 34).

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut u wara illi semghet in-nota ta' ammissjoni, issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma s-somma ta' tlett elef u tmien mija u tnejn u tmenin Euro u erbgha u tmenin centezmu Euro (€3,882.84) rapprezentanti bilanc ghad-debitu ta' 'Loan Account' ta' Jeremy Perici Calascione flimkien mal-imghax ulterjuri mill-20 ta' Mejju 2010 sal-jum tal-pagament effettiv ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------